

Brussell, 6 ta' Mejju 2021
(OR. en)

8450/21

MI 309
POLARM 2
CFSP/PESC 453
COARM 87
DELECT 90

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	ST 6862/21 + ADD 1 - C(2021) 1433
Suġġett:	Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) li temenda d-Direttiva 2009/43/KE fir-rigward tal-aġġornament tal-lista ta' prodotti relatati mad-difiża f'konformità mal-Lista Militari Komuni aġġornata tal-Unjoni Ewropea tas-17 ta' Frar 2020 - Intenzjoni li ma jkunx hemm oppożizzjoni għal att delegat

1. Fil-5 ta' Marzu 2021, il-Kummissjoni ppreżentat l-abbozz ta' Direttiva Delegata ta' hawn fuq lill-Kunsill, li, skont l-Artikolu 13 u 13(a) tad-Direttiva 2009/43/KE¹, jemenda l-Anness tiegħu.

L-Anness huwa ta' natura teknika, u għandu jikkorrispondi strettament għal-Lista Militari Komuni tal-Unjoni Ewropea, aġġornata l-aħħar mill-Kunsill fis-17 ta' Frar 2020. L-Anness għadu ma ġiex allinjat mal-aħħar emenda tal-Lista Militari Komuni. Huwa meħtieġ li dan isir permezz tal-adozzjoni ta' att delegat.

¹ Id-Direttiva 2009/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-issimplifikar tat-termini u l-kundizzjonijiet tat-trasferimenti ta' prodotti relatati mad-difiża fil-Komunità (ĠU L 146, 10.6.2009, p. 1–36); Il-verżjoni konsolidata attwali - 26/07/2019;

2. Skont l-Artikolu 13a(4), l-esperti dwar it-trasferimenti tal-UE ta' prodotti relatati mad-difiża, maħtura minn kull Stat Membru, jiġu kkonsultati f'konformità mal-punti 6 u 10 tal-Anness għall-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016². Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ġew mistiedna jipparteċipaw fil-grupp ta' esperti, u l-partijiet ikkonċernati kollha ġew ikkonsultati.
3. Id-Direttiva 2009/43/KE ġiet emendata bir-Regolament (UE) 2019/1243³ li jadatta għadd ta' atti legali li jipprevedu l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju mal-Artikoli 290 u 291 TFUE⁴.
4. Fid-9 ta' Marzu, id-delegazzjonijiet intalbu jindikaw sal-5 ta' Mejju 2021 l-oppożizzjoni possibbli tagħhom għall-abbozz ta' Regolament Delegat imsemmi hawn fuq. Ebda delegazzjoni ma ressqet xi raġuni rilevanti għal oppożizzjoni. L-iskadenza uffiċjali ta' tliet xhur tiskadi fis-6 ta' Ġunju 2021.
5. F'dan il-kuntest, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda lill-Kunsill biex jikkonferma li ma hemmx oppożizzjoni għall-abbozz ta' Regolament Delegat, kif jinsab fid-dokument ST 6862/21 + ADD 1 bħala punt mingħajr diskussjoni f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss.

² ĠU L 123, tal-12.05.2016, p. 1;

³ Regolament (UE) 2019/1243 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jadatta għadd ta' atti legali li jipprevedu l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju mal-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 241–344);

⁴ It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU C 326, 26.10.2012, p. 47–390).